MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 410/2000/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Anthony u Emanuela sive Lilian konjugi Cassar**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi fit-22 ta' Marzu 1999 ghall-habta tad-9.15 a.m. gewwa Tal-Barrani Road, Zejtun filwaqt li l-impjegat tas-socjeta' attrici Anthony Pulis kien qieghed isuq karozza proprjeta tas-socjeta attrici fil-karreggiata ta' barra tal-imsemmija triq u meta, wara li huwa xeghel l-indicator u beda jdur lejn Bulebel, huwa gie milqut minn wara mill-vettura misjuqa mill-konvenut Anthony Cassar, liema habta tefghet lill-

vettura tas-socjeta’ attrici fit-triq tad-direzzjoni opposta fejn gie milqut minn Coach proprjeta tal-Gvern ta’ Malta.

Illi l-incident fuq imsemmi sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Anthony Cassar.

Illi kagun ta’ dan l-incident il-vettura proprjeta tas-socjeta attrici giet iddikjarata minn “survejor” mibghut mis-socjeta’ assikuratrici bhala “beyond economic repair.”

Illi l-konvenuti interpellati sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici, baqghu inadempjenti u qeghdin jirrifjutaw li jaccettaw r-responsabbilita’ ghall-istess.

Ghalhekk is-socjeta’ attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-kollizjoni sufferita grat unikament b’ tort tal-konvenut Anthony Cassar, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut, li jigu likwidati d-danni relattivi u lil-konvenuti jigu kundannati jhallsu lis-socjeta attrici is-somma likwidata in linea ta’ Danni.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u bl-ispejjes kontra l-konvenuti, li gew ngunti ghas-subizzjoni kif ukoll l-ispejjes ta’ ittra ufficjali kontestwalment pprezentata kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut, u dan ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit li :-

l-ewwel talba tas-socjeta’ attrici ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent Anthony Cassar izda gara unikament tort ta’ Anthony Pulis xufier tal-vettura propjeta’ tal-istess socjeta’ attrici.

it-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi fejn jirrigwarda l-eccipjenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici.

isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjenti m'ghandhomx ikunu kundannati jhallsu danni lis-socjeta' attrici.

u bla pregudizzju ghall-premess, it-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-imghax legali kif dedotta ghandha tkun michuda billi d-danni li qed tippretendi ghadhom mhux likwidati u ghaldaqstant l-imghax, jekk dovut, ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza, mhux mid-data tal-pagament kif pretiz mis-socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Semghat ix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici.

Rat l-affidavits prodotti mill-konvenut.

Semghat lill-konvenut u lix-xhieda prodotti mill-konvenuti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Fit-22 ta' Marzu 1999, ghal habta tat-8.45 a.m., sehh incident stradali, li fih kienu involuti l-vettura Fiat Uno numru ta' registrazzjoni KAR 419, proprjeta' tas-socjeta' attrici u misjuqa minn impjegat taghha certu Anthony Pulis, u l-vettura Toyota Starlet numru ta' registrazzjoni HAN 898 misjuqa mill-konvenut. L-incident sehh go Triq Tal-Barrani, Zejtun. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvenut iddikjara li huwa kien sejjer fid-direzzjoni tal-

Marsa u kien ghaddej fil-karreggjata ta' barra, filwaqt li l-imsemmi Pulis kien sejjer fl-istess direzzjoni pero' kien ghaddej fil-karreggjata ta' gewwa. Skond il-konvenut, li kkonferma li kien ghaddej b'velocita' adegwata ghall-lokalita', f'hin minnhom ix-xufier tal-Fiat Uno cioe' Pulis, ghal gharrieda, qaleb il-karreggjata, qasam mix-xellug lejn il-lemin, u ostakola l-passagg tal-vettura misjuqa mill-konvenut u jidher li dan sehh peress li Pulis ried jghaddi minn fetha fis-centre strip biex jaqsam iz-zewg karreggjati tat-triq, liema karreggjati jiehdu fid-direzzjoni opposta appuntu jiehdu fid-direzzjioni ta' Birzebbugia. In effett l-imsemmija fetha fis-centre strip nghalqet wara li sehh l-incident in kwestjoni. Dejjem skond dak li ddikjara l-konvenut minhabba l-imsemmija manuvra ta' Pulis inevitabbilment huwa baqa diehel fil-vettura tas-socjeta' attrici, li spiccat fil-karreggjata ta' traffiku sejjer fid-direzzjoni ta' Birzebbugia u habtet ma' xarabank numru ta' registrazzjoni GVN 250 li appuntu kienet sejra fid-direzzjoni imsemmija ta' Birzebbugia. Li tinteressana fil-presenti kawza hi l-ewwel habta cioe dik bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut u dik misjuqa minn Pulis.

Apparti l-imsemmija dikjarazzjoni tieghu l-konvenut ukoll ippresenta affidavit tieghu, fejn qal li mieghu fil-karozza fil-hin tal-incident kien hemm il-mara tieghu Lilian Cassar. F'dan l-affidavit il-konvenut ibiddel il-verzjoni tieghu li ta fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu u jghid li ma kienx hu li baqa diehel fil-karozza tas-socjeta' attrici misjuqa minn Pulis, izda vicw versa u kienet l-istess karozza misjuqa minn Pulis li meta improvisament dahlet fil-lane li fiha kien qed isuq hu, bix-xewka ta' quddiem tal-lemin taghha habtet fil-faccata tal-vettura tieghu lejn in-nofs fejn hemm in-number plate. Ghalhekk, fl-istess affidavit huwa kkonferma li fl-ebda mument il-vettura tieghu laqtet dik misjuqa minn Pulis izda kienet il-vettura misjuqa minn Pulis li laqtghet il-vettura li huwa kien qed isuq. Inoltre l-konvenut, fl-affidavit, jikkontesta l-ispot of impact kif indikat fl-iskizz u jghid li l-impatt sehh ezatt mal-faccata tal-karozza tieghu kif indikata fl-iskizz. Jigi nnutat li sdkond kif muri fl-istess skizz il-karozza tal-konvenut xi ftit lura mill-isppot of impact kif indikat fl-iskizz. Is-Surgent li investiga l-kollizzjoni qali li ma rrizultalux kif il-karozza tal-

konvenut kienet tant il-boghod mill-ispot of impact. Il-konvenut cahad li l-vettura misjuqa minn Pulis kellha l-indicator tal-lemin mixghul. Mart il-konvenut Lilian Cassar sostanzjalment ikkonfermat dak li qal zewgha fl-affidavit tieghu u kkonfermat li kienet il-vettura misjuqa minn Pulis li laqtet il-vettura misjuqa minn zewgha u ziedet tghid li konsegwenza ta’ din id-daqqa l-vettura misjuqa minn Pulis daret u baqghet sejra fil-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Ix-xufier tal-vettura propjeta’ tas-socjeta attrici cioe’ Anthony Pulis xehed li mieghu fil-karozza kien hemm impjegat iehor tas-socjeta’ attrici cioe’ Mario Cachia. Pulis ikkonferma li ried idur biex imur fejn hemm l-exchange tas-socjeta’ attrici fiz-Zejtun u ghalhekk huwa kellu jaqsam il-karreggjata tat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta. Huwa qal li kien qed isuq fl-outer lane cioe’ fil-lane vicin is-centre strip u peress li kellu jdur minn fetha fl-istess centre strip biex appuntu kellu jaqsam il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, huwa naqqas il-velocita' u xeghel l-indicator biex jindika li ried idur minn xi hamsin metru qabel l-imsemmija fetha. Kompla jghid li biex ikun jista jdur ahjar huwa hareg lejn it-tarf tal-“lane” cioe’ lejn fejn hemm il-linja li tiddemarka l-istess “lane” li fiha kien ghaddej. Huwa kkonferma li fl-ebda hin ma qabez ghal-“lane” l-ohra. Pulis kompla jistqarr li fil-hin li kien kwazi wieqaf hass daqqa fuq in-naha ta' wara. Huwa ghalhekk gie imbuttat 'il barra u propju dak il-hin mid-direzzjoni opposta kienet gejja coach li laqtitu fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza tieghu. Huwa qal li fl-ebda hin ma nduna li kien hemm karozzi warajh u ma harix fil-mera biex jara jekk kienx kemm traffiku warajh. Ioltre hu argumenta li peress li ma kienx ghaddej b'velocita' qawwija ma kellux ghalfejn jivverifika xi traffiku kien hemm warajh.

Pulis qal ukoll li huwa kien gia fil-lane hdejn is-centre strip meta naqqas il-velocita’ u xeghel l-indicator. Huwa ammetta pero’ li ghall-ewwel huwa kien ghaddej fil-lane ta' gewwa, pero' wara xi mitejn metru huwa qaleb ghal gol-lane ta hdejn is-centre strip. Huwa jghid li fil-hin li qaleb il-lane il-fetha fis-centre strip kien hemm tul mhux hazin u

ghalhekk ikkonferma li saq fil-lane ta' hdejn is-centre strip ghal tul mhux hazin. Jghid ukoll li qabel ma beda jnaqqas il-velocita' huwa ma kienx ghaddej b'velocita' qawwija. Huwa qal li fl-ebda hin ma waqaf, pero' qal, li meta gie biex jghaddi mill-fetha l-velocita' tieghu naqqasha hafna, kwazi ghall-pass ta' bniedem. Huwa qal li l-ewwel daqqa hadha fuq ix-xewka tan-naha tal-lemin ta' wara tal-karozza misjuqa minnu.

Ix-xhud Mario Cachia, li kien riekeb fil-karozza misjuqa minn Pulis sostranzjalment ikkonferma dak li qal l-istess Pulis. Dan ix-xhud specifika li l-ewwel daqqa, fuq in-naha ta' wara tal-karozza misjuqa minn Pulis sehhet meta kienu kemm kemm bdew iduru mill-fetha li hemm fis-centre strip. L-istess xhud ikkonferma li Pulis kien xeghel l-indicator pero' ma setghax jghid kemm qabel il-fetha.

Id-divergenza principali bejn il-verzjoni ta' Pulis u dik tal-konvenut ta' kif sehhet l-ewwel habta hi li Pulis jghid li l-konvenut baqa diehel minn wara fuq in-naha ta' wara tal-vettura misjuqa minnu, mentri l-konvenut jghid li kien Pulis, meta ttanta jidhol mill-lane ta barra ghall-lane ta hdejn is-centre strip biex idur mill-fetha li kien hemm fl-istess centre strip, li habat man-naha ta' quddiem tal-karozza misjuqa mill-konvenut. Il-verzjoni tal-konvenut hi ghal kollox inverosimili u mhux sostanzjata mir-rizultanzi. Hu aktar logiku li l-konvenut baqa diehel fin-naha ta' wara tal-karozza misjuqa minn Pulis milli li l-istess Pulis habat man-naha ta quddiem tal-karozza tal-konvenut u precisament man-nofs cioe' fejn ikun hemm in-number plate. L-iskizz, ghar-rigward tal-ewwel daqqa, jikkonferma l-verzjoni ta' Pulis, peress li jndika li d-daqqa ghar-rigward tal-karozza misjuqa minn Pulis kienet fir-rokna ta'wara fuq in-naha tal-lemin. In effett jirrizulta mis-survey report, ghar-rigward tal-karozza misjuqa minn Pulis (fol.6), li l-istess karozza kellha hsarat fil-"rear bumper" u fil-"rear right headlamp." Inoltre ghandu jigi rilevat li l-konvenut, "a tempo vergine" cioe' kif jirrizulta mill-okkorenza (fol.9), kien qal li huqa baqa diehel fuq in-naha ta' wara tal-karozza misjuqa minn Pulis.

P.S. 614 Saviour Garcia, li nvestiga l-kollizjoni, ikkonferma li hu indika bhala l-"ispot of impact" fejn kien hemm hafna debris u qal li ma kienx hemm brake marks li halliet il-karozza misjuqa mill-konvenut mantra l-karozza misjuqa minn Pulis halliet xi tyre marks, li probabilment kienu dovuti ghat-tkaxkira wara l-ewwel habta in kwestjoni. Dan hu ukoll evidenzjat mill-iskizz. Inoltre l-istess xhud ikkonferma li d-daqqa fuq in-naha ta' wara tal-karozza misjuqa minn Pulis kienet fir-rokna ta' wara tal-lemin tal-karozza.

Xhud indipendenti u newtrali cioe' Joseph Schembri, ix-xufier tal-van li kien gej mid-dirzzjoni opposta u li intortament baqa diehel fil-karozza tas-socjeta' attrici meta din giet imbuttata fil-karreggjata tat-trffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta. Ikkonferma li ra l-vetturi involuti fl-ewwel habta gejjin wara xulxin mid-direzzjoni opposta bil-karozza misjuqa minn Pulis quddiem il-karozza tal-konvenut. Inoltre kkonferma li l-karozza misjuqa minn Pulis ghamlet sinjal cioe l-indicator biex turi li ix-xufier ried jghaddi mill-fetha fis-centre strip u kif il-karozza misjuqa minn Pulis bidet iddur biex tohrog mill-fetha intlaqtet minn naha ta' wara mill-karozza tal-konvenut. Ma jistax jinghata affidament lil dak li qalet ix-xhud Maria Tabone, li kienet riekba fl-imsemi van, u dan ghall-istess ragunijiet li nghataw ghar-rigward tal-verzjoni offerta mill-konvenut.

In vista ta' dak kollu li gie premess il-konvenut ghandu jitqies li hu responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni, peress li Pulis kien ilu ghaddej mill-lane ta' hdejn is-centre strip ghal mill-inqas hamsin metro (50m) u kien il-konvenut li bil-vettrura li kien qed isuq habat mar-rokna tal-lemin ta wara tal-karozza misjuqa minn Pulis. Kwantu ghall-likwidazzjoni tad-danni l-Claims Manager tas-socjeta' assikuratrici tal-vettura misjuqa minn Pulis, li bl-ebda mod ma gie kontrdett, ikkonferma li l-istess karozza kienet assigurata ghas-somma ta' Lm3500, pero' skond is-surveyor il-pre-accident value kien ta' Lm3000. Ir-wreck value kien ta' Lm140, li thallas lis-socjeta' attrici. Ghalhekk id-danni, ghar-rigward tal-ewwel habta ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' elfejn, tmien mija u sittin liri maltin

(Lm2860 cioe' Lm3000 – Lm140 = Lm2860) ekwivalenti ghal euro sitt elef sitt mija u tnejn u sittin (€6662).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici utiddikjara li l-kollizjoni in kwestjoni grat unikament b'tort tal-konvenut Anthony Cassar, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fis-somma ta' euro sitt elef sitt mija u tnejn u sittin (€6662) u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici l-imsemmija somma in linea ta' danni u dan bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------